Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2925

26.11.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2925

tad-19 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 66, il-paragrafu 1, il-punti (e) u (k) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat il-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE ([2]).

(2) L-ICCAT tadotta miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fuq terminu twil, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi marini li jinsabu fihom dawn ir-riżorsi. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.

(3) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2053, fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, l-ICCAT adottat ir-rakkomandazzjoni 23-06 ([3]) tal-ICCAT, fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Ir-Rakkomandazzjoni 23-06 tal-ICCAT tinkludi dispożizzjonijiet dwar reviżjoni tal-limiti fuq il-kapaċità tat-trobbija tat-tonn, żieda mal-protokoll tar-rilaxx u aġġornament tal-mudell tar-rapportar għat-trattament tal-ħut mejjet u/jew mitluf u aġġornament dwar il-proċedura għall-forniment tal-foki tal-ICCAT lill-osservaturi reġjonali tal-ICCAT. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(4) Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru għadd ta' aġġornamenti u emendi tar-Regolament (UE) 2023/2053, jiġifieri l-aġġornament tal-protokoll tar-rilaxx kollu fl-Anness XII u l-emendar tat-tul tal-bastiment indikat fl-Anness XV.

(5) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibli,

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj).

([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT li temenda r-Rakkomandazzjoni 22-08 biex jiġi stabbilit pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3 jitħassar;

(2) l-Annessi XII, XIII, XV u XVa huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi XII, XIII, XV u XVa tar-Regolament (UE) 2023/2053 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness XII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XII*

PROTOKOLL TAR-RILAXX

Ħruġ ta' ordnijiet tar-rilaxx

1. L-ordnijiet tar-rilaxx qabel it-tqegħid fil-gaġeġ għandhom jinħarġu:

mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-operatur donatur meta, abbażi tan-notifika minn qabel tat-trasferiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bastiment tal-qbid jew tat-tunnara tirrifjuta l-operazzjoni tat-trasferiment skont l-Artikolu 46; jew

mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK meta, f'konformità mal-Artikolu 45d, il-paragrafu 8 l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fil-gaġeġ ma tkunx inħarġet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK fi żmien xahar (1) wara t-talba għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fil-gaġeġ.

2. L-ordnijiet tar-rilaxx wara t-tqegħid fil-gaġeġ għandhom jinħarġu:

mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara jew tal-PKK meta, skont il-proċeduri fil-paragrafi 7 sa 9 tal-Artikolu 50 jiġi stabbilit li l-piż fil-gaġeġ jaqbeż dak irrapportat maqbud. L-ordni tar-rilaxx għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK, li għandhom jittrażmettuha lill-operatur tal-farm ikkonċernat; jew

mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK meta, wara l-ħsad, il-ħut li jifdal ma jkunx kopert minn eBCD, jew meta valutazzjoni tar-riport jew trasferiment tal-kontroll ikunu identifikaw eċċess ta' ħut.

Għall-każijiet skont l-ewwel paragrafu tal-punt 2, il-piż totali tat-tonn li jrid jiġi rilaxxat għandu jiġi kkonvertit f'għadd korrispondenti ta' individwi billi jiġi applikat il-piż medju li jirriżulta mill-analiżi tal-filmati bil-kamera sterjoskopika b'rabta mal-operazzjoni rilevanti tat-tqegħid fil-gaġeġ, magħmula mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 51.

Segregazzjoni tal-ħut qabel l-operazzjoni tar-rilaxx

3. Qabel ir-rilaxx minn gaġġa tal-farm, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK għandhom jiżguraw li:

il-ħut li jkun se jiġi rilaxxat jiġi ssegregat u mċaqlaq għal gaġġa tat-trasport vojta, u t-trasferiment tal-ħut fil-gaġġa tat-trasport jiġi mmonitorjat permezz ta' kamera tal-kontroll fl-ilma, f'konformità mal-istandards minimi stabbiliti fl-Anness X;

l-għadd ta' ħut segregat għar-rilaxx jikkorrispondi mal-ordni tar-rilaxx.

4. Is-segregazzjoni minn qabel tal-ħut għandha ssir fil-preżenza ta' osservatur reġjonali tal-ICCAT.

Reġistrazzjoni tal-operazzjoni tar-rilaxx bil-vidjokamera

5. Ir-rilaxx tat-tonn mill-gaġeġ tat-trasport jew tal-farm fil-baħar għandu jiġi rreġistrat permezz tal-kamera tal-kontroll. Kull operazzjoni ta' rilaxx fil-baħar għandha tiġi osservata minn osservatur reġjonali tal-ICCAT.

Rappurtar

6. Għal kull operazzjoni tar-rilaxx imwettqa, l-operatur donatur jew l-operatur tal-farm tal-ħut responsabbli għar-rilaxx għandu jimla rapport tal-ħruġ, billi juża l-mudell stabbilit fit-taqsima 13 ta' dan l-Anness.

7. L-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jivvalida l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tar-rilaxx. L-operatur donatur jew l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jibgħat id-dikjarazzjoni tar-rilaxx lill-awtoritajiet tiegħu fi żmien 48 siegħa minn meta ssir l-operazzjoni tar-rilaxx biex din tintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT.

Dispożizzjonijiet ġenerali

8. L-operazzjonijiet tar-rilaxx mix-xbieki tas-sajd bit-tartarun tal-borża, mit-tunnari jew mill-gaġeġ tat-trasport għandhom jitwettqu immedjatament wara li tasal l-ordni tar-rilaxx.

9. L-operazzjonijiet tar-rilaxx mill-farms tal-ħut għandhom jitwettqu fi żmien 3 xhur mill-aħħar operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ tal-ħut ikkonċernat u f'distanza minima ta' 10 mil mill-farm tal-ħut. Għar-rilaxxi ta' inqas minn 5 tunnellati ta' tonn, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm jew tal-PKK jistgħu jistabbilixxu distanza iqsar, ta' mill-inqas 5 mili, għar-rilaxx.

10. Il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar jew l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jkun responsabbli għas-sopravivenza tal-ħut sakemm titwettaq l-operazzjoni tar-rilaxx.

11. L-awtoritajiet tal-Istati Membru jew tal-PKK tal-farm jistgħu jimplimentaw kwalunkwe miżura addizzjonali li jħossu li tkun meħtieġa biex ikun żgurat li l-attivitajiet ta' rilaxx jitwettqu fiż-żmien u fil-post l-aktar xierqa biex tiżdied il-probabbiltà li l-ħut wara jmur lura fl-istokk.

12. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness ma għandhomx japplikaw għar-rilaxx tat-tonn mit-tunnari minħabba l-irfigħ tal-irkaptu fi tmiem l-attività.

13. MUDELL TAR-RAPPORT TA' RILAXX:

Rapport ta' Rilaxx tal-ICCAT	Nru tad-Dokument:

1 — **DETTALJI DWAR IL-QBID/IT-TQEGĦID FIL-GAĠEĠ**

Farm/bastiment tal-qbid/tunnara/bastiment tal-irmunkar li jkun qed iwettaq ir-rilaxx:

Nru fir-Reġistru ICCAT

Referenza tal-ordni tar-rilaxx:

Bastiment(i) tal-qbid/tunnara ([1]):

Numru tal-JFO:

Numru tal-awtorizzazzjoni(jiet) għat-tqegħid fil-gaġeġ ([1]):

Numru tal-gaġġa/gaġeġ tar-rilaxx:

Referenza(i) tal-eBCD(s):

Numru tal-awtorizzazzjoni tar-rilaxx:

2 — **DETTALJI TAL-OPERAZZJONI TAR-RILAXX**

Tip ta' rilaxx ([3]):

Data tal-operazzjoni:

Isem il-bastiment tal-irmunkar:

Nru fir-Reġistru ICCAT

Bandiera:

Segregazzjoni tal-ħut qabel l-operazzjoni tar-rilaxx:

Numru tal-gaġġa tal-verifikazzjoni:

Numru tal-gaġġa tar-rilaxx:

L-għadd ta' individwi BFT rilaxxati:

Piż ta' BFT rilaxxati (kg):

Isem, data u firma tal-operatur ([2]):		Ismijiet tal-osservaturi, in-Nru tal-ICCAT, id-data u l-firma:
Preżenza ta' Osservatur (Iva/Le)	Raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil:	Regoli jew proċedura mhux rispettati:

([1]) Għar-rilaxxi mill-farms tal-ħut biss.
([2]) Il-firma tal-operatur tal-farm tal-ħut għar-rilaxxi mill-farms, jew tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd għar-rilaxxi ordnati lill-bastimenti tal-qbid jew lill-bastimenti tal-irmunkar.
([3]) Ir-rilaxx wara t-tlestija tar-rapporti dwar it-tqegħid fil-gaġeġ; il-BFT li jibqa' wara l-ħsad li mhuwiex kopert minn eBCD; l-eċċess ta' BFT misjub wara trasferiment tal-kontroll jew valutazzjoni tar-riport.";

2. Fl-Anness XIII, il-Parti F "Mudell ta' Rappurtar", fil-ħames ringiela tal-mudell, tiżdied it-tielet kolonna ġdida "Destinazzjoni ta' ħut mejjet (skartat jew żbarkat)" bejn il-kolonni "Nru ta' BFT mejjet" u "Firma tal-kaptan":

"F. **Mudell ta' rappurtar**

	Rappurtar ta' ħut li jmut matul trasferimenti u operazzjonijiet tal-irmunkar ulterjuri		
Bastiment tal-irmunkar	Isem		
	Nru tal-ICCAT u l-bandiera		
	Nru tal-ITD u Nru tal-gaġġa		
	Isem il-Kaptan		
Bastiment(i) tal-qbid/ tunnara	Isem il-bastiment(i)/tunnara		
	Numru tal-ICCAT u Nru tal-JFO		
	Numru/i tal-eBCD		
Bastiment tal-irmunkar preċedenti (jekk ikun hemm)	Isem		
	Nru tal-ICCAT u l-bandiera		
	Nru tal-ITD u Nru tal-gaġġa		
	L-għadd totali ta' BFT irrapportati Mejtin (*)		
Farm tal-ħut destinatarju	PKK/Isem/Numru tal-ICCAT		
Data	Numru ta' BFT mejjet	Destinazzjoni tal-ħut mejjet (skartat jew żbarkat)	Firma tal-kaptan

TOTAL			

(*) F'każ ta' trasferimenti ulterjuri, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur għandu jibgħat ir-rapport oriġinali dwar il-mortalità lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar riċevitur.";

3. Fl-Anness XV, il-paragrafu introduttorju għall-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Anki jekk ikun hemm xi rekwiżit iktar strett li japplika għal tipi speċifiċi ta' sajd tal-ICCAT, kull Stat Membru tal-bandiera għandu jimplimenta VMS għall-bastimenti tas-sajd tiegħu kollha b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar, u għall-bastimenti tal-irmunkar tiegħu kollha, irrispettivament mit-tul tagħhom, li jkunu awtorizzati jistadu f'ilmijiet lil hinn mill-ġuriżdizzjoni tiegħu u għandu:";

4. Fl-Anness XVa, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Qabel ma jintużaw tunnara jew bastiment tal-irmunkar, fuq bastiment bit-tartarun tal-borża, l-entità li topera l-programm ta' osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandha tipprovdi minimu ta' 25 siġill tal-ICCAT lil kull osservatur reġjonali tal-ICCAT taħt ir-responsabbiltà tagħha u għandha żżomm rekord tas-siġilli pprovduti u użati.".